**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 9 ta' Mejju 2017**

Numru 6

**Rikors Guramentat Nru. 503/2016**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Alexander u Ingrid mizzewgin Valenzia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tal-24 ta' Gunju 2016 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt in atti n-Nutar Dottor Mario Bugeja datat 17 ta' Lulju 1998 (Dok. "A") u fl-iskrittura privata 17 ta' Ottubru 2008 (Dok. "B") is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Alexander u Ingrid mizzewgin Valenzia;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Alexander u Ingrid mizzewgin Valenzia fis-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija u sebgha u ghoxrin ewro u tlieta u tletin centezmu (€46,527.33) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Alexander u Ingrid mizzewgin Valenzia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C u Dok. "D1 sa D9") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta' Frar 2016 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dok. "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Alexander u Ingrid mizzewgin Valenzia
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u fl-iskrittura privata, (b) kieni inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u fl-iskrittura privata sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Alexander u Ingrid mizzewgin Valenzia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Alexander u Ingrid mizzewgin Valenzia gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 31 ta' Lulju 2009, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "E", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dok. "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Alexander u Ingrid mizzewgin Valenzia (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Alexander u Ingrid mizzewgin Valenzia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici, u

2. Tikkundanna lil Alexander u Ingrid mizzewgin Valenzia jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta attrici s-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija u sebgha u ghoxrin ewro u tlieta u tletin centezmu (€46,527.33) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" Alexander u Ingrid mizzewgin Valenzia (Dok. "C" u Dok. "D1 sa D9") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta' Frar 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 31 ta' Lulju 2009 (Dok. "E") kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Ingrid Valenzia li tghid hekk:

Illi d-domandi tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi:

1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa eccessiv;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux minnu illi kien hemm xi tibdiliet materjali fil-qaghda tal-esponenti;

3. Illi in oltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe ammont li jista’ jkun dovut in eccess ghall-ammont originarjament dovut, huwa dovut minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-Alexander Valenzia, bir-rizultat illi ghandu jkun l-istess Alexander Valenzia li jaghmel tajjeb ghal dawn l-ammonti;

Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli skond il-ligi.

Rat li Alexander Valenzia baqa’ kontumaci;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet prezenti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghal hlas ta' debitu ta' self moghti mill-bank lil konvenuti u li naqsu li jhallsu skond kif miftiehem fil-ftehim datati 17 ta' Lulju 1998 u 17 ta' Ottubru 2008. Il-bank ressaq provi tal-ftehim, tal-ammont tad-debitu u l-interpellazzjonijiet li saru ghal hlas (Dok. A sa E a fol 6 et seq. tal-process), kif ukoll affidavit dettaljat ta' Marisa Debono, relationship manager tal-bank li xehdet illi bejn l-2002 u l-2008 kienu qed jitolbu lil konvenuti jirregolaw ruhhom nonostante bdil fit-terminu ghal-hlas ta' self. Fl-2009 saret ittra ufficjali pero l-bank baqa' jitratjeni sal-2016 meta saret il-kawza (ara fol. 55 sa 80). Il-konvenuta ressqet tlett eccezzjonijiet cioe li l-ammont hu eccessiv, li mhux minnu li kien hemm tibdil materjali fil-qaghda tal-esponenti, u li kull ammont dovut oltre dak originarjament dovut hu imputabbli lil konvenut Alexander Valenzia.

Fl-affidavit taghha l-konvenuta tixhed dwar problemi ta' sahha fil-familja u problemi personali ma' zewgha li irrenda impossibbli hlas tal-pagamenti mensili tas-self, billi zewgha li mieghu kienet qeghda f'kawza ta' separazzjoni ma kien qed jaqla' hafna problemi konnessi mal-kawza ta' separazzjoni u avolja kien thallas manteniment pero ma kienx qed ihallas l-ispejjez tal-edukazzjoni tal-minuri. Hi kellha problemi ohra fuq ix-xoghol taghha li ghamluha impossibbli li thallas hi r-rati tas-self u zewgha ma hallas xejn mir-rati tas-self, nonostante li kien impjegat bi qliegh. Hi tghid li l-imghax dejjem jizdied qed jigi inkors minhabba n-nuqqas ta' zewgha.

Il-Qorti tqis li nonostante li fuq lat uman il-Qorti ma tistax ma tissimpatizzax mal-konvenuti, tqis li mill-lat legali ebda wahda mill-eccezzjonijiet ma fihom fondament legali. Ma saret ebda prova li l-ammont mitlub mill-bank hu eccessiv jew li ma kienx hemm tibdil materjali fic-cirkostanzi tal-konvenuti. It-tibdil hu evidenti mill-fatt innifsu li s-self baqa' ma thallas ghal snin twal. In oltre s-sitwazzjoni personali tal-konvenuti hi res inter alios acta ghal bank ghax is-self jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuti u jridu jaghmlu tajjeb ghalih b'gidhom komuni.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lil bank attur is-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija u sebgha u ghoxrin ewro u tlieta u tletin centezmu (€46,527.33) oltre l-imghax ulterjuri mit-2 ta' Frar 2016 in solidum bejniethom. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur